MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## EDWINA GRIMA

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2014

Numru. 1290/2008

**Il-Pulizija**

**(Spettur Roderick Agius)**

**Vs**

**Horace Fenech bin Emanuel u Antonia xebba Muscat, mwieled Pieta' nhar is-07 ta' April 1976 u li joqghod Sandawdar F/H, tal-Fawwara, limiti tas-Siggiewi, detentur tal-karta ta'l-identita' 345176(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra ’l hawn fuq imsemmi Horace Fenech li gie akkuzat talli:

a) fid-29 ta’ Dicembru 2008 ghal habta tas-7:15pm gewwa r-razzett Sandawdar, tal-Fawwara, limiti tas-Siggiewi, bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe’ omicidju volontarju u wera dan il-hsieb b’atti esterñí u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt billi spara tiri ta’ arma tan-nar fuq il-persuna ta’ Nicholas Catania, liema omicidju ma giex ezegwiet minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta ta’ Horace Fenech. (Sec 41& Sec 211 of Chp 9).
b) Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, ikkaguna ferita ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Nicholas Catania, liema ferita giet maghmula b’arma regolari. (Sec 217 of Chp.9).
c) Aktar talli fl-istess data, hin u lok, zamm jew kellu fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu, jew garr barra minn fond jew dintorni tieghu arma tan-nar, jew munizzjon minghajr ma kellu licenza (Sec 5 Kap.480).
d) Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, filwaqt li kien qed jaghmel reat kontra l-persuna ta’ Nicholas Catania, kellu fuq il-persuna tieghu arma regolari. (Sec 55(a) Kap.480).
e) Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi hedded lil Nicholas Catania, billi qabad arma tan-nar kontrih (Sec 339(b) Kap.9).
f) Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi hedded lil Nicholas Catania, billi qabad armi ohra (xafra b’manku) kontrih. (Sec.339(b) Kap.9)
g) Aktar talli xjentement rcieva ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, (l-arma tan-nar), mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat. (Sec 334).

Rat n-nota ta’ rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali tal-21 ta’ Frar 2013.

Semghet illi l-imputat ma kellux oggezzjoni sabiex dana il-kaz jigi itrattat u deciz bil-procedura sommarja minn din il-Qorti;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Semghet trattazzjoni

Ikkunsidrat:

Illi inizjalment f'dawn il-proceduri, l-imputat kien qieghed jigi akkuzat bir-reat tat-tentattiv ta'l-omicidju, madanakollu fin-nota tar-rinviju tieghu ghal-gudizzju, l-Avukat Generali jindika illi mill-provi mismugha f'dina il-kawza tista' tinstab htija fil-konfront ta'l-imputat biss ghar-reat tat-tentattiv ta' offiza gravissima kif previst fl-artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Barra minn dan l-imputat qed jigi addebitat ukoll bir-reat tal-offiza gravi li taqa' taht l-artikolu 216 u l-artikolu 217 tal-Kapitolu 9.

Illi l-ligi titkellem dwar it-tentattiv ta' reat fl-artikolu 41 tal-Kapitolu 9 li jiddisponi illi: "***Kull min bil-hsieb li jaghmel delitt juri dana il-hsieb b'atti esterni u jaghti bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, jehel meta jinsab hati …. jekk id-delitt ma jkunx gie esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tal-hati, il-piena stabbilita ghad-delitt ikkunsmat imnaqqsa grad jew zewg gradi***."

Mela allura mill-qari tad-disposizzjoni tal-ligi, johorgu tlett elementi essenzjali li jikkostitwixxu it-tentattiv u cioe':

1. Atti esterni li juru l-intenzjoni tal-persuna li tikkometti reat.
2. Bidu ta'l-esekuzzjoni tad-delitt.
3. In-nuqqas ta'esekuzzjoni tad-delitt minhabba cirkostanzi indipendenti mill-volonta tal-hati.

Illi ghalhekk l-ewwel u qabel kollox l-intenzjoni tad-delinkwent trid tigi manifestata permezz ta'l-hekk imsejjha atti preparatorji. Bil-fors illi irid ikun

hemm xi azzjoni, liema azzjoni trid tkun saret bl-intenzjoni specifika li jigi komess delitt, b'tali mod li ma thalli l-ebda dubbju dwar liema reat ikun qed jigi ikkontemplat. Madanakollu dawn l-atti preparatorji fihom infushom u wahedhom ma jistghu qatt iwasslu ghat-tentattiv u ghalhekk ghal xi htija fil-kamp penali, jekk l-hati ma ikunx ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt.

Kif ighid il-Professur Mamo fin-noti tieghu:

"*To intend to commit a crime is one thing; to get ready to commit it is another; to try to commit it is a third. We may say indeed that every intentional crime involves four distinct stages – Intention, Preparation, Attempt and Completion. Action in pursuance of the intent is not commonly criminal if it does no more than manifest the* ***mens rea****, nor if it goes no further than the stage of preparation*."

Il-Professur Mamo, isostni u dana fid-dawl ta' dak li ighidu diversi gurisiti prominenti fosthom il-Cararra, Maino u Liugi Masucci:

"***So long as an overt act, whether in itself or by reason of the circumstances surrounding it, does not clearly show that it is directed to a criminal purpose, it cannot be regarded as an act of execution of a crime, because no act which in itself and in appearance is or can be innocent can be considered as a commencement of another offence. When, however, it appears clear that such act was directed to a criminal purpose, then, in order to decide whether such act represents a commencement of the execution of the crime it must be seen whether it forms part of that series of acts which, in their natural completeness would constitute the actual commission of the crime. If the act forms an integral parrt of this series of acts which in their completeness would consummate the crime, that act is one of execution. If, on the contrary, the act merely precedes the criminal action, to which it was directed and is***

***such that, however much repeated, it could never accomplish the consummation of that crime, the act is not an act of execution*.”**

Illi l-ahhar element legali li isawwar it-tentattiv huwa n-nuqqas ta’ esekuzzjoni tad-delitt minhabba cirkostanzi indipendenti mill-volonta tal-hati. Illi ghalhekk irid ikun hemm xi azzjoni indipendenti li b’xi mod tisfratta dina l-intenzjoni tad-delinkwent biex b’hekk ir-reat ma jigix ikkunsmat. Izda jista’ jisussisti ukoll it-tentattiv tar-eat jekk il-hati jieqaf minn jeddu u f’dana il-kaz huwa ikollu l-impunita u jehel il-piena ghal dawk l-atti li ikunu jikkostitwixxu delitt skond il-ligi. Ighid il-Pofessur Mamo:

***“The law is satisfied if the desistance is volonutary, or in other words, if the determination of the agent not to prosecute the commission of the crime is made freely by him and not imposed upon him by external agencies independent of his will … The concept of voluntary desistance includes both the forebearance of the agent from doing further acts of execution of the crime, as well as the counter-action of the agent directed to undo the acts already or to prevent their effects.”***

Maghmula dawna l-osservazzjonijiet, irid jigi stabbilit jekk l-imputat jistax jinstab hati tar-reat ta’ tenattiv ta’ offiza gravi. Illi jinghad qabel xejn illi sabiex jissusti ir-reat ta’l-offiza volontarja, hi mehtieg l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. ***“Jekk l-intenzjoni ta’l-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hija zghira dik il-hsara li jkollu f’mohhu li jaghmel, hu irid wiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta’l-ghemil tieghu.”*** (ara sentenza Il-Pulizija vs Emanuel Zammit deciza Appelli Kriminali 30/03/1998).

Illi proprju minhabba f’dina r-raguni jinghad illi fost l-awturi hemm diskordju dwar jekk jistax ikun hemm it-tentattiv ta’ offiza gravi, gialadarba il-*mens rea* fir-reat dwar l-offiza fuq il-persuna hija bizzejjed li tkun kif inghad iktar ‘il fuq

wahda generika u mhux specifika ghar-reat li finalment jirrizulta mill-azzjonijiet tal-malvivent. Dwar dana jitkellem ukoll il-Professur Mamo fejn ighid: ***"the principle that in the crime of bodily harm a generic intention to injure is sufficient, the offender being answerable for the harm which has actually ensued, gives rise to the doubt whether a charge of attempt is legally possible."*** (Notes on Criminal Law). Izda imbaghad izid ***"Looking at the classification of offences as made by the Law, it is not difficult to imagine certain circumstances in which, having regard to the means used by the offender and and his mode of action, one may be certain of his intention to produce one rather than the other of the effects therein mentioned. Should there still remain a doubt as to the gravity of the result aimed at by the offender, the principle will naturally apply in dubbio pro reo***."

Illi ukoll f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali fil-kawza fl-ismijiet Ir-Repubblika vs Domenic Briffa deciza fis-16 ta' Ottubru 2003, il-Qorti iccitat lill-awtur Francesco Antolisei fit-tul u ikkonkludiet:

**Illi allura huwa essenzjali ghal sejbien ta' htija fir-reat tat-tentattiv ta' offiza gravi illi l-intenzjoni specifika tal-persuna akkuzata tirrizulta minghajr l-icken dubbju li kienet wahda li tigi ikkagunata offiza gravi jew gravissima u mhux semplicement wahda hafifa.**

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi akkwizti jirrizulta illi bejn l-imputat u il-parti leza kien hemm hbiberija li spiccat marret hazin, tant illi l-imputat ried lill-parti leza johrog hwejjeg mir-razzett fejn kien ilu jabita mieghu ghal madwar erba' xhur. Fil-fatt fil-jum ta'l-incident mertu tal-kawza, Nicholas Catania kien qed jigbor hwejjgu mir-razzett sabiex jitlaq minn hemm meta rega' inqala argument bejnu u bejn l-imputat. Catania jallega illi l-imputat riedu jaqta' il-hbiberija li kellu ma' certu Marco u Catania ma riedx jaghmel dan. Jidher ukoll illi l-imputat kien qed

jakkuza lil Catania li seraqlu xi pluviera. Fil-fatt f'hin minnhom l-argument bejniethom sahan u l-imputat stess jammetti illi kellu mannara zghira f'idu u hebb ghal Catania biha sabiex ibezzghu u igieghlu jitlaq. Ghalkemm l-imputat isostni illi huwa iddesista wahdu minn dina l-azzjoni u rema il-mannara barra mit-tieqa, Catania ighid xort'ohra u isostni illi kien hu li irnexxielu jiehu il-mannara minn idejn l-imputat u jarmieha 'il barra mit-tieqa. Dina l-mannara baqghet qatt ma instabet mill-pulizija.

Wara dana l-argument Catania qabad l-affarijiet u telaq 'il barra, izda isostni illi l-imputat baqa' ighajjat mieghu tant illi f'hin minnhom kif kien ser jaqbad il-gagga bil-pluviera, gie sparat tir minn arma tan-nar dirett lejn dawn il-gaggeg, tant illi il-gaggeg spiccaw igholew fl-arja. Wara ftit Catania ighid illi l-imputat qallu kliem fis-sens li gejja it-tieni wahda u wara dawn il-kliem sema' sparatura ohra li madanakollu ma laqtitux billi ma kenitx diretta lejh, izda meta qallu li ser jaghtih it-tielet wahda, ighid illi huwa hass hruq ma' ghonqu u daharu u hawnhekk irrealiza li kien intlaqat mic-comb. L-imputat ma jixhidx f'dawn il-proceduri, izda fl-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija huwa jinnega illi spara xi arma tan-nar fid-direzzjoni ta' Catania. Il-Qorti, madanakollu, lill-imputat ma temmnux u dana billi il-provi cirkostanzjali kollha jindikaw illi l-imputat spara arma tan-nar. Ibda biex meta gie misjub mill-pulizija huwa kellu arma tan-nar ikkargata hdejh. Ma jistax ikun, kif jallega l-imputat, illi l-arma tan-nar kienet ta'l-parti leza u li dan kien hallieha hemm hu. Illi ma jistax ikun illi b'kumibinazzjoni l-imputat iddecieda li jimtedd biex jorqod jew jinheba mill-pulizija proprju vicin arma tan-nar ikkargata. Din giet elevata mil-pulizija u mir-rapport ta'l-esperti innominati fl-inkjesta magisterjali jirrizulta illi din l-arma tan-nar kienet tiffunzjona tajjeb[1]. Illi mir-rapport ta'l-espert l-ispizjar Mario Mifsud jirrizulta illi mill-ezamijiet li saru ghal *gun shot residue* minn fuq il-persuna ta'l-imputat u minn fuq hwejjgu, instabu zewg particelli unicí ta' *gun shot residue* u tlett particelli indikattivi minn fuq il-persuna ta'l-imputat, tlett particelli unicí u tlett particelli indikattivi ta' *gun shot residue* fuq *swabs* mehuda minn fuq il-flokk ta'l-imputat u fl-ahharnett instabu zewg particelli unicí u zewg particelli indikattivi ta' *gun shot residue* fuq *swabs* mehuda minn

[1] Ara rapport Dokument FA1 a fol.150

fuq il-qalziet ta'l-imputat[2]. Illi minn studji li saru rigward il-particelli tal-GSR gie stabbilit illi meta l-particelli ikunu **unici** jikkonsistu minn *lead, barium u antimony* flimkien (f'particella wahda). Din il-particella hija unika ghax tifforma biss bid-*detonation* u l-*ignition* tal-*cartridge* tal-arma tan-nar. Dana jindika li persuna ikun spara, jew kien qrib ta xi hadd li spara jew inkella mess xi arma tan-nar li ghada kemm giet uzata. Minn naha l-ohra l-particelli ta'GSR jistghu ikunu **indikattivi** u jikkonsistu minn *lead* u *barium* (f'particella wahda) jew *lead* u *antimony* (f'particella wahda) jew xi elementi ohra. Meta tkun indikattiva hija difficli sabiex wiehed jasal ghal konkluzjoni certa minhabba l-fatt li il-particelli setghu gew minn xi sors iehor, apparti minn arma tan-nar, bhal per ezempju xi loghob tan-nar.

Illi f'dana l-kaz instabu kemm particelli unicí kif ukoll indikattivi mhux biss fuq il-persuna ta'l-imputat (wiccu, idejh u xagharu), izda ukoll fuq hwejjgu li ifissru necessarjament illi l-imputat jew spara arma tan-nar jew inkella kien il-qrib hafna ta' persuna li sparat dik l-arma. Illi mill-provi akkwizti fl-atti jirrizulta illi dak in-nhar fuq il-post ma kienx hemm nies ohra ghajr l-imputat, il-vittma Nicholas Catania u missier l-imputat li kien ghadu gej mat-triq. Catania ighid illi l-imputat segwieh barra mir-razzett u semghu ighajjat u ighidlu kliem fis-sens li kien ser jaghtih tir b'arma tan-nar. Ighid ukoll li wara ra n-nar u il-hoss gej mid-direzzjoni ta'l-imputat ghalkemm ighid illi kien id-dlam u ma setax jara l-arma f'id l-imputat. Dawn il-fatturi ma ihallu l-ebda dubbju illi kien proprju l-imputat li spara l-arma tan-nar.

Illi inoltre mill-provi jirrizulta illi kien hemm ta'l-inqas zewg okkazzjonijiet f'dik il-lejla fejn l-imputat hebb ghal parti leza – l-ewwel darba gewwa ir-razzett meta habat ghalih bil-mannara u it-tieni okkazzjoni meta spara arma tan-nar fid-direzzjoni tieghu. Illi madanakollu, hemm provi bizzejjed fl-atti li jindikaw illi b'dawn l-azzjonijiet l-imputat kellu l-intenzjoni specifika illi jaghmel offiza ta' natura gravi fuq il-parti leza kif previst fl-artikolu 218 tal-Kapitolu 9? Illi fl-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija, l-imputat jistqarr illi huwa fl-ebda hin ma ried iwegga' lil Catania, izda l-intenzjoni tieghu kienet illi ibezzghu biex igieghlu

[2] Ara rapport ta'l-ispizjar Mario Mifsud a fol.107

jitlaq ‘il barra mir-razzett. Ighid illi Catania kien qed jaghmilha ma’ kumpanija hazina u kien anke qed igiblu dawn in-nies gewwa ir-razzett tieghu u hu ma bediex jiehu pjacir b’dawn l-affarijiet. Jallega ukoll illi Catania kien involut fil-kacca illegali billi mhux biss kien qed jispara ghal tajr protett, izda ukoll kien qed juza *bird callers*, li huwa ma riedhomx fir-razzett tieghu. Kien ghalhekk illi akkost ta’ kollox ried lil Catania jitlaqlu ‘il barra u f’dik il-lejla ighid illi ried ibezzghu sabiex huwa jitlaq minn hemm definittivament u ma jirritornax. Illi Catania minn naha tieghu jikkonferma l-fatt illi l-imputat kien keccieh ‘il barra mir-razzett u kien qed jigbor l-affarijiet tieghu biex jitlaq u meta l-imputat hebb ghalih bil-mannara huwa telaq jigri ‘il barra, izda huwa hu hiereg kien ser jiehu xi pluviera mieghu li kienu fil-gaggeg u jidher illi l-imputat ma riedux jaghmel dan billi kien qed jallega li dawn kienu tieghu. X’aktarx li kien ghal dina ir-raguni illi l-imputat spara bl-arma tan-nar u dana sabiex Catania jitlaq u ma imissx dawn l-ghasafar. Fil-fatt l-ewwel tir jidher li kien dirett proprju lejn il-gagga tal-ghasafar hekk kif Catania kien ser jehodha. Jidher imbaghad illi t-tieni tir li gie sparat ma kienx dirett lejn Catania, kif lanqas ma kien it-tielet wiehed billi Catania gie milqut biss mic-comb u mhux minn xi *bullet*. Illi b’dawn il-provi, il-qorti ma tistax tasal ghal konkluzjoni illi l-imputat kellu l-intenzjoni specifika li jikkawza feriti ta’ natura gravissimi fuq Catania. X’aktarx illi l-imputat ried ibezza’ lil Catania u ried izommu milli jiehu l-ghasafar li huwa jallega li kienu tieghu u mhux tal-parti leza. Kwindi ser jigi illiberat minn dina l-akkuza.

**<u>Ir-reat tal-offiza gravi a tenur ta’l-artikoli 216 u 217</u>**.

Illi l-Avukat Generali fin-nota ta’ rinviju tieghu ghal gudizzju jindika illi tista’ tinstab htija fil-konfront ta’l-imputat ghar-reat ta’ offiza gravi

Illi kif diga inghad iktar ‘il fuq ma hemmx dubbju illi l-imputat ikkaguna griehi fuq il-parti leza Nicholas Catania u dana b’tiri ta’ arma tan-nar. Illi ghalkemm saret inkjesta magisterjali in segwitu ghal dana l-incident, jidher mill-atti tal-inkjesta illi ma giex nominat espert mediko-legali sabiex jikkonstata il-griehi tal-

vittma. Il-Qorti ghalhekk trid tistrieh fuq ix-xhieda ta' Dr. Jurgen Gatt li kien it-tabib li ezamina lil Catania ezattament wara l-incident. Dana ighid illi l-griehi li kellu Catania kienu jikkonsistu fi hruq zghir fl-ghonq, fid-dahar u f'idu. Jidher mill-x-rays li sarulu illi huwa kellu zewg *pellets* tac-comb f'ghonqu u f'idu. Huwa iccertifika dawn il-griehi bhal ta' natura gravi minhabba l-fatt illi dawn setghu ihallu sfregju permanenti fl-ghonq u anke fl-idejn u anke minhabba xi dizabilita li l-pazjent seta' isofri fil-movimenti ta' idu. Illi meta Nicholas Catania rega ha il-pedana tax-xhieda lejn tmiem dawn il-proceduri ighid illi ic-comba f'idejh kien nehhieha hu stess, filwaqt li dik f'ghonqu ghadha hemm. Ighid illi ghalkemm dina ghadha tniggzu xi ftit specjalment meta jaghmel xi moviment, madanakollu huwa ma kellux bzonn iktar kura ghal griehi li sofra. Illi minn dawn il-provi ghalhekk il-Qorti ma tistax tasal ghal konkluzjoni illi il-griehi li sofra Cataia huma ta' natura gravi billi kif ighid huwa stess fil-maggior parti taghhom dawn fiequ kompletament u ghar-rigward il-gerha li ghandu f'ghonqu ma giex ikkonstatat jekk din hallietx xi marka permanenti. Ghalhekk il-Qorti tista' tasal biss biex tistabbilixxi illi il-griehi kienu biss ta' natura hafifa.

Illi d-difiza issostni illi l-parti leza irrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfront ta'l-imputat. Madanakollu dikjarazzjoni f'dana is-sens ma tirrizultax mill-atti. Ghalkemm in kontro-ezami Catania isostni illi kien qal lil xi surgent tal-pulizija illi ma xtaqx jiehu passi fil-konfornt ta'l-imputat billi kien jaf illi l-imputat kien taht l-effett tax-xorb meta aggredieh, madanakollu ma hemmx dikjarazzjoni cara u tonda fl-atti fejn l-imputat qed jiddikjara dan. Fix-xhieda tieghu, Catania ighid anzi li meta qal dan id-diskors lill-pulizija huwa qalu billi kien ghadu taht *shock*. Fil-fatt mir-rapport imhejji mill-pulizija u ezebiet in atti bhala Dokument JB1 ma jirrizultax illi Catania kien ghamel dina id-dikjarazzjoni, tant hu hekk illi l-ghada ta'l-incident huwa ha certifikat mediku lill-pulizija sabiex jipprocedu bil-passi kriminali. Kwindi l-Qorti ser issib htija fil-konfront ta'l-imputat dwar ir-reat tal-offiza hafifa fuq il-persuna ta' Nicholas Catania, kif ser tinstab htija ukoll ghall-akkuza kontravvenzjonali moghtija taht l-artikolu 339(1)(b) tal-Kapitolu 9, billi ma hemmx dubbju illi l-imputat hebb hal Catania f'zewg okkazzjonijiet, u cioe' bil-mannara u bl-arma ta-nar.

Ikkunsidrat,

Illi l-imputat jinsab akkuzat ukoll bir-reati ikkontemplati fil-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta. Illi ghalkemm mill-atti jirrizulta illi l-imputat kellu licenzja ghal arma tan-nar tal-ghamla Breda bin-numru serjali P12613, dina l-arma tan-nar kienet insterqitlu f’ Lulju tas-sena 2008. L-arma tan-nar li intuzat fil-kummissjoni tar-reat mertu ta’ dina l-kawza ma kienx illicenzjat fuq isem l-imputat u ghalkemm dan kien ukoll senter tal-marka Breda, izda ma kellux numru serjali billi dan in-numru kien gie imhassar. Illi minn ezamijiet forensici li saru fuq l-istess arma tan-nar hareg numru taht il-*magazine tube* L009593. Ghalhekk il-Qorti tista’ tikkonkludi illi din ma kenitx l-arma tan-nar illicenjzata fuq isem l-imputat izda arma tan-nar ohra u kwindi l-akkuzi mahruga ai termini tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta fil-konfront ta’l-imputat jirrizultaw ippruvati.

Finalment l-Avukat Generali jindika fin-nota ta’ rinviju ghal gudizzju illi tista’ tinstab htija ghar-reat tar-ricettazzjoni. Illi bir-rispett kollu, dina l-akkuza ma tirrizulta minn imkien mill-provi li hemm fl-atti. Illi kien l-imputat li irrapporta l-arma tan-nar tieghu misruqa u mhux vice-versa. Inoltre l-arma tan-nar li intuzat mill-imputat, ghalkemm bin-nurmu serjali tieghu imhassar, ma iwassalx lil dina il-Qorti ghal konkluzjoni illi dina l-arma kienet misruqa u wisq inqas allura illi l-imputat kien akkwista dina l-ama tan-nar meta kien konxju tal-fatt illi din setghet kienet provenjenti mis-serq. Kwindi l-imputat ser jigi illiberat minn dina l-akkuza.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikoli 221(1)(2), 339(1)(b), 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikolu 5(1), 51(2), 55, 56 u 57 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati biss li ikkaguna ferita ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Nicholas Catania, kif ukoll hati tat-tielet, ir-raba’ u tas-sitt akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, tilliberah mill-kumplament u tikkundannah ghal perijodu ta’ sitt xhur prigunerija, li wara li rat l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, dana il-perijodu ta’ prigunerija qed jigi

sospiz  ghal zmien sentejn mil-lum. Tordna it-thassir jew is-sospensjoni, u tipprobixxi lill-hati milli ikollu jew jikseb, kwalunkwe licenzja li ghandu jew jista’ ikollu ai termini tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta u dana ghal zmien sena mil-lum.

Il-Qorti twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul il-perijodu operattiv ta’ dina s-sentenza.

Wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tikkundanna lil hati ihallas lir-Registratur tal-Qorti is-somma ta’ €946.15 in konnessjoni ma’l-ispejjez peritali.

Finalment il-Qorti tordna il-konfiska tad-Dokument FA1 u TF esebieti in atti.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------